

# Erbgħin sena fil-Kampnar

Conrad D'Amato

Fi żmien il-Kappillan Ġużeppi Minuti (1954-1978) saru bosta opri fil-knisja, fosthom is-sett ta' ħames qniepen li hemm fil-kampnar.



Dan is-sett ġie maħdum fl-Olanda mid-ditta *Messrs. Petit & Fritsen* ta' Arle-Ristel fl-1969. Però l-iustorja tmur lura iktar minn hekk. Fi żmien il-kappillan Dun Anġ Fenech (1924-1952) ċertu Antonio Scicluna, bil-laqam taż-Żebra, kien għamel donazzjoni ta' mitt lira għal dawn il-qniepen. Tajjeb li ngħidu li f'dan iż-żmien il-knisja kienet għadha qed tinbena u għalhekk ma setgħux isiru. Fl-1955, hekk kif ġie fi tmiemu l-proġett tal-artal maġġur, il-Kappillan Minuti għamel ġabra fil-knisja bil-ħsieb li jagħmel dawn il-qniepen. Ġabra li kienet tammonta għal madwar 350 lira. Ġara iżda li kien hemm iktar proġetti importanti xi jsiru, bħall-paviment tal-irħam. Għalhekk dan il-proġett reġa' tħalla fil-ġenb. Hekk kif tlesta l-proġett tal-paviment tal-irħam, il-kappillan Minuti minnufih reġa' beda l-ġbir minn fost il-parruċċani, u għalhekk fl-1969 ġie ordnat u sar dan is-sett ta' qniepen.



Waslu Malta minn Rotterdam nhar il-Erbgħa 16 ta' Lulju tal-1969 fuq vapur li kien jismu S.S. Mynias, u l-għada l-Ħamis għall-ħabta tas-siegħa ta' wara nofsinhar waslu Birżebbuġa. B'kollox dawn il-qniepen swew is-somma ta' 6,300 lira. Il-qanpiena l-kbira ġiet imsemmija għal San Pietru u t-ton tagħha huwa (do). It-tieni qanpiena – il-fustanija – ġiet imsemmija għad-Duluri u t-ton tagħha huwa (mi). It-tielet qanpiena ġiet imsemmija għal San Ġużepp u t-ton tagħha huwa (sol). Dawn it-tliet qniepen ġew miġbura minn fost il-poplu ta' Birżebbuġa. Ir-raba' qanpiena ġiet imsemmija għal San Pawl, it-ton tagħha huwa (la) u ġiet imħallsa minn Rokku Polidano. Il-ħames u l-iżgħar qanpiena ġiet imsemmija għal Santa Katerina, it-ton tagħha huwa (do) u ġiet imħallsa minn Carmelo Abdilla. Dawn il-qniepen ġew intunati minn Mro Joseph Scerri.



Nhar is-Sibt 19 ta' Lulju f'ċerimonja simbolika fuq iz-zuntier tal-knisja, dawn il-qniepen ġew imbierka mill-Arċisqof Mikiel Gonzi. Wara beda ix-xogħol sabiex dawn il-qniepen sabu posthom fil-kampnar tal-knisja. Dan ix-xogħol sar nhar il-Erbgħa u l-Ħamis 23 u 24 ta' Lulju taħt is-superviżjoni ta' Pawlu Camilleri. Imbagħad kien imiss li l-qniepen jiddendlu f'posthom, xogħol li tmexxa taħt is-superviżjoni ta' Carmelo Schembri, minn 'ta' Farfar'.

Dawn il-qniepen daqqew l-ewwel nota sabiħa tagħhom f'jum il-ħruġ tal-istatwa minn niċċa ta' dik is-sena. Ta' min isemmi li din is-sena sar xi xogħol ta' restawr fu dawn il-qniepen sabiex b'hekk jibqgħu priservati għall-futur.